MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 354/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Carmelo Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Novembru 2005 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Fl-istess perjodu u cirkustanzi, halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b' Ligi li taghti l-gurament;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument falsifikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2009, li biha, l-Qorti ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lil-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena fuqu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta' apprezzament zbaljat u rragonevoli tal-provi li tresqu quddiemha w dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa (li tiddikjara lill-appellat mhux hati stante li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellat kien wettaq ir-reati imputati lilu. U ghalhekk l-appellant qed jinterponi dan l-appell ai termini ta' l-artikolu 413(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza ghandha l-origini taghha f’tilwim serju li kien ilu sejjer is-snin bejn zewg ufficjali gholja tal-ordni maghruf bhala “Ordine Bizantino Del Santo Sepolcro” illi taghha l-appellat Carmelo Calleja w Alfred Joseph Baldacchino huma ufficjali gholja.

L-appellat jghid illi jokkupa l-kariga ta’ Vigarju Granmastru *Ad Vitam* u reggent ta’ l-ordni *Ad Interim* sakemm jilhaq is-successur tal-illum mejjet Gran Duca Dimitri Dimitrevic tar-Russja, mentri Alfred Baldacchino jghid li huwa l-Granmastru u t-tifel legalment addotatt tal-Gran Duca Dimitri.

Jidher li dan it-tilwim lahaq il-qofol tieghu wara l-mewt tal-Gran Duca meta l-appellat jipproduca dokument allegatament miktub mill-Gran Duca bid-data 29 ta’ Lulju, 2000, b’liema ittra l-Gran Duca qieghed jissospendi mill-kariga ta’ Granmastru lil Baldacchino u ddikjara lill-appellat bhala Vigarju bid-drittijiet kollha ta’ Granmastru u kellu jokkupa din il-kariga tul hajtu bl-iskop li jassigura l-kontinwita’ ta’ l-ordni u bhala reggent kellu jibqa’ f’dik il-kariga sakemm jigi mahtur successur tal-Gran Duca bid-dixxendenza tad-demm.

L-appellat ghamel uzu estensiv ta’ dan id-dokument, poggih fuq il-website u baghtu l-Italja, l-Ingilterra, l-Amerka, l-Awstralja w New Zealand u kull fejn hemm membri tal-ordni fuq imsemmija. Maghha wkoll baghat traduzzjoni bl-Ingliz (ara stqarrija tal-appellat fol. 58).

Meta Alfred Joseph Baldacchino gie konjizzjoni ta’ dan l-operat tal-appellat permezz ta’ ittra tad-9 ta’ Gunju, 2005 (fol. 53) kiteb lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kontra l-appellat u fl-20 ta’ Frar, 2006 gew imressqa l-akkuzi odjerni kontra l-appellat li ghalihom wiegeb li ma kienx hati.

B’sentenza moghtija fil-25 ta’ Settembru 2009, l-Qorti tal-Magistrati kkonfermat din id-dikjarazzjoni. Minn din is-sentenza l-Avukat Generali interpona dan l-appell li issa jinsab meritu tal-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.

Ikkonsidrat :

Illi kif gie ritenut diversi drabi, hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzjax fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Izda, l-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni. (Il-Pulizija vs. Carmelo Schembri App. Krim. 28.04.1995).

Ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel apprezzament approfondit tal-istess sentenza biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.

Ikkonsidrat :

Illi din il-Qorti bdiet biex taghmel ezami akkurat tal-aktar dokument importanti f’din il-vertenza w cioe’ l-ittra allegatament mibghuta mill-Gran Duca Dimitri lill-appellat fid-29 ta’ Lulju tas-sena 2000, liema ittra hija “s-source” tal-kontraversja kollha w tad-dizgwit illi inqala.

Wara li l-appellat poggiha fuq website ufficjali tal-ordni, xerrieda mad-dinja kollha w ukoll ipprezentaha ufficjalment f’kawza civili fl-ismijiet “Alfred Joseph Baldacchino vs Carmel Sandro Calleja” illi kienet parti integrali mid-dikjarazzjoni guramentata tal-istess Sandro Calleja fejn irrefera ghal din l-ittra bhala “id-dikjarazzjoni testamentarja” tal-Granduca Dimitri (ara fol. 143).

L-Ewwel Qorti ghamlet sew meta nnominat lit-tekniku Martin Bajada sabiex jezamina dak id-dokument u fir-relazzjoni tieghu wasal ghall-konkluzjoni illi l-parti ta' fuq fejn hemm l-intestatura u l-arma tal-Ordni u l-firma tal-Gran Duca Dimitri fil-parti t'isfel bit-timbru taht il-firma huma "scanned", voldiri mehuda minn dokumenti ohra. Mentri l-parti tan-nofs li hija l-parti dizposittiva w cioe' kif jghid l-istess appellat id-"dikjarazzjoni testamentarja" tal-Gran Duca Dimitri huma originali u "typed".

Il-prosekuzzjoni qeghda tallega illi l-appellat xjentement ghamel uzu minn din l-iskrittura privata li kienet falza w li setghet taghmel hsara lil xi persuna w iggib utili ghall-istess appellat. Ukoll illi halef falz quddiem ufficjal li ghandu s-setgha b'ligi illi jaghti l-gurament u sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu b'dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz ukoll fl-istess cirkostanzi iffalsifika jew xjentement ghamel uzu minn dokument iffalsifikat. Dana kollu qed jigi allegat peress illi rrizulta illi d-dokument kien fil-pussess volut tal-appellat u kien l-appellat illi xerdu mad-dinja kollha kif ukoll uzah bhala dokument ufficjali b'dikjarazzjoni guramentata f'atti quddiem il-Qorti Civili.

Gustament l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ddikjarat (fol. 199) *"fil-kaz odjern ghalhekk kellu jigi pruvat jew li l-firma fuq id-dokument inserit a fol. 55 tal-process (u cioe' l-ittra tad-29 ta' Lulju 2000) ma kienitx il-firma genwina tal-Gran Duca Dimitri di Russia jew li altrimenti ghalkemm tali firma kienet genwina l-interposizzjoni jew l-iscanning ta' tali firma fuq l-ittra ma saritx mill-Granduca nnifsu jew altrimenti sar minghajr il-kunsens tieghu".*

L-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-prosekuzzjoni ma rrnexielix tipprova dawn ic-cirkostanzi w ghaddiet biex illiberat lill-imputat.

Bir-rispett, din il-Qorti ma taqbilx ma tali konkluzzjoni.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti ghandha d-dubji taghha kemm verament dik il-firma tixxiebah wahda genwina tal-Gran Duca Dimitri.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tan-Nutar Antoine Agius a fol. 58 fejn jghid :
*“.....jiena kelli dokumenti ohra tranzunti fl-atti tieghi fejn kien hemm il-firma tal-Gran Duca Dimitri di Russia w jiena tajt kopja ta’ dawn id-dokumenti lill-Ispettur Gafa’ w irrilevjajtu li l-firem li kelli fuq dawn id-dokumenti kienu differenti mill-firma li kien hemm fuq id-dokument AG3”.*

Din il-Qorti setghet tikkonstata di proprio illi fil-fatt jidhru certa differenzi bejn fil-firma fid-dokument tad-29 ta’ Lulju 2000 u dokumenti ohra ffirmati mill-Granduca kif jidher per ezempju, fl-ahhar tad-dokument a fol. 168.

Apparti dan, il-provi indizjarji wasslu ghall-unika konkluzjoni illi l-iscanning tal-firma tal-Gran Duca ma saritx minnu u zgur minghajr il-kunsens tieghu.

Ikkunsidrat :

Kif tajjeb osserva l-appellat fir-risposta tieghu, l-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala provi ammissibbli f’Qorti jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda. L-unika konkluzjoni illi dawn il-provi ghandhom iwasslu hija illi d-dokument tad-29 ta’ Lulju, 2000 huwa wiehed falz u li l-firma li tidher fuq dan id-dokument ma saritx mill-Gran Duca Dimitri.

Hemm diversi indizji li jwasslu ghal tali konkluzjoni. Jibda biex jinghad li minkejja illi l-appellat ircieva dan id-dokument ftit wara d-29 ta’ Lulju 2000 zammu ghandu u ma giex fil-pubbliku jekk mhux wara l-mewt tal-Gran Dimitri u l-unika persuna li kien ser igawdi minn dan id-dokument kien l-appellat innifsu u accerta ruhu illi jaghmel uzu estensiv minnu billi poggih fuq website u xerdu mal-membri tal-ordni madwar id-dinja.

Hija wkoll stramba kif dokument importanti bhal dan, li l-istess appellat jiddeskrivih bhala dikjarazjoni testamentari

tal-Gran Duca tigi uzata l-forma illi giet ipprezentata biha, l-iscanning ta' parti u t-typing ta' parti ohra.

Wiehed kellu jistenna illi dokument li kellu portata serja hafna ghal futur u d-destin ta' ordni kavallaresk ma kellux jinhareg forma ta' ittra w minghajr ebda formalita' jew cerimonjalita'. Dana jikkontrasta bis-shih bil-formalitajiet tad-digriet Magisterjali mahrug mill-istess Gran Duca proprju ftit granet wara l-imsemmija ittra w cioe' fis-6 t'Awwissu 2000, liema dokument gie tranzunt mill-istess Gran Duca ghand in-Nutar Alessandro Mattiangeli f'Ruma fil-5 t'Ottubru 2000.

Ma hemm l-ebda kontroversja dwar l-ahhar dokument. Il-kontroversja qeghda biss dwar l-ittra tad-29 ta' Settembru, 2000, li biex tkompli tnissel is-suspetti giet promulgata minghajr xiehda w komunikata personalment lill-appellat minghajr is-sollenita' illi tali digriet kien jixraqlu.

Li kieku verament il-Gran Duca ried jaghmel ittra bhal dik, zgur illi ma kienx juza s-sistema ta' scanning ghal l-intestatura w il-firma tieghu. Dana apparti l-fatt illi fis-sena 2000 din l-ahhar sistema kienet xi haga innovattiva u ma kienitx difusa w promolgata bhal ma hija llum.

Ma jaghmilx sens illi l-Gran Duca jaghmel dispozizzjoni testamentarja bhal dik minghajr ma jikteb il-firma originali tieghu fuqha w minghajr ma jaghmel il-boll jew l-istampa ta' l-ordni, bhal ma jidhru digrieti Magisterjali ohra mahruga f'ismu u taht il-firma tieghu.

Din il-Qorti wkoll giet migbuda l-attenzjoni ghal zbalji ortografici fl-istess ittra, liema zbalji zgur ma kienux isiru mill-Gran Duca Dimitri illi kien persuna akkademiku u ferm konoxxenti u fluwenti fil-lingwa Taljana. Dawn l-izbalji jidhru illi huma maghmula w imhawda bi kliem uzat fl-ilsien Malti.

Mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti toqghod tirrepeti dawn l-izbalji imma bizzejjed illi ssemmi illi jezistu dawn l-izbalji li mhumiex konsonanti ma' persuna midhla sew tal-lingwa Taljana.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-unika konfort li l-appellat ghandu ghal din l-ittra hija x-xhieda tan-Nutar Agius fejn, quddiem l-Ewwel Qorti stqarr *“huwa (Gran Duca Dimitri) kien qalli illi kellu l-intenzjoni illi jibghat mandat lill-imputat odjern Calleja. Il-Gran Duca miet ftit wara. Sussegwentement il-Gran Duca ma qalli xejn dwar jekk kienx baghat dan il-mandat lil Calleja.”* (fol. 78) Apparti l-fatt li l-istess Nutar stqarr id-dubji tieghu dwar il-genwinita’ tal-firma fuq l-ittra, billi l-Granduca kien wera certa hsieb ma jfissirx li dan gie attwat u seta rega’ bdilu ftit granet wara.

Fir-risposta tieghu l-appellat jistaqsi jekk kienx possibbli illi l-ittra giet abbozzata w imhejja b’dak il-mod minhabba cirkostanzi li kienu jaghmluha impossibbli ghall-imsemmi Granduca li jkun prezenti ghal holqien tad-dokument u ghalhekk gie mhejji w kompletat minn terzi fuq istruzzjonijiet espressi tal-istess Granduca.

Dan l-argument kien jaghmel sens illi kieku gie ppruvat mill-istess appellat.

Huwa veru illi imputat m’ghandux ghalfejn jipprova xejn u jista’ jofri d-deposizzjoni jekk irid u minghajr ma jkun imgieghel. Imma darba jaghmel assersjoni bhal dik allura jkun hemm shift tal-“evidential burden” fejn ikun mehtieg prova ta’ dak li nghad biex tigi sostanzjata. Jekk dan ma jsirx, allura dik tibqa’ biss allegazzjoni in arja w ma tistax titqies mill-Qorti. Jekk kien hemm xi cirkostanzi li kienu jaghmluha impossibbli ghall-imsemmi Granduca, li jkun prezenti ghal holqien tad-dokument, allura kien jispetta lill-appellat juri x’kienu dawn ic-cirkostanzi u fejn kienet din l-impossibilita’ u mhux isemmijha fl-arja fir-risposta bhal li kieku kienet xi haga determinanti u importanti ghall-argument tieghu. Li hu zgur hu li ftit granet wara l-Gran Duca ghamel digrieti Magisterjali bil-formolitajiet kollha u ma kellu l-ebda impediment li jaghmel dan.

Ghalhekk din il-Qorti hija konvinta minghajr dubbju dettat mir-raguni illi d-dokument a fol. 55 bid-data 29 ta’ Lulju 2000 huwa wiehed falz u mhuwiex mahrug fuq il-firma genwina tal-Granduca Dimitri, jew bil-volonta’ tieghu.

Ma rrizultax provi pero' illi kien l-appellat illi rrediega dak id-dokument jew ikkommissjona lil terzi sabiex jaghmluh jew anki li kien hu illi skenja l-intestatura w il-firma tal-Gran Duca Dimitri. Pero' rrizulta sodisfacentement ippruvat illi dak id-dokument falz u li cioe' jghid gidba fuqu nnifsu, gie uzat mill-appellat b'dannu ghal terzi b'utli ghall-istess appellat u anki uzat b'mod ufficjalment taht gurament f'atti ta' kawza quddiem il-Qorti Civili. Minbarra l-awturi kkwotati mill-Avukat Generali fir-rikors tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal Gurista Maino li, fit-trattat tieghu "Commento al Codice Penale" (Vol. III para 1323, p.79) jghid : *"Per la consumazione del reato richiede semplicemente l'uso del documento : non richiede eziando che colui che lo uso' abbia raggiunto lo scopo a cui tendeva".* terga, *"secondo il testo dell'Articolo 281 (ekwivalenti ghal Art. 187 tal-Kap. 9) .......quest'articolo non e' dunque applicabile se non a chi usi (scientement s'intende) un documento falso, pubblico o privato ....."* (Vol. III para 1325, p.80).

Stabbilit il-vot materjali ghal kommissjoni tar-reat, il-Qorti issa trid tikkunsidra jissustix il-vot intenzjonali jew ix-xjenza li d-dokument uzat kien wiehed falz.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tifhem li dan hu l-element l-aktar difficli li jigi pruvat fi grad li trid il-ligi u cioe' minghajr dubbju dettat mir-raguni ghax hadd mhu sejjer javza l-intenzjonijiet tieghu dwar operat li jkun kontra l-ligi. Hawnhekk ukoll il-Qorti trid toqghod fuq indizji cirkostanzjali bis-soliti kawteli li jwasslu ghal konkluzjoni wahda w wahda biss.

L-appellat jghid li rcieva d-dokument ftit granet wara d-data indikata (20.07.2000) u zammu ghandu ghal zmien twil qabel ma ghamel uzu estensiv tieghu. Bhala ufficjal gholi fi hdan l-Ordni kien jaf sew kif kienet il-firma tal-Gran Duca u l-prassi ta' kif digrieti Magisterjali jigu formulati u mwassla ghand il-membri tal-Ordni. Ma rrizultax li talab konferma ufficjali tad-dokument tul iz-zmien li dam ghandu u fil-waqt li din il-Qorti tifhem li dak id-dokument kellu jigi

rez pubbliku wara l-mewt tal-Gran Duca ma jfisssirx li l-appellat kellu joqghod fuqu minghajr ma jassigura l-awtenticita' ghal mument propizju. Izda, minn dan kollu ma ghamel xejn hlief li d-dokument jigi transunt fl-atti ta' Nutar pubbliku ghal konservazzjoni. Ma rrizultax mill-atti d-data meta gie transunt, imma fis-sena 2000 jirrizulta li kien diga' beda t-tilwim serju ma Alfred Baldacchino dwar it-tmexxija tal-Ordni fejn allura dan id-dokument kien sejjer jagevola lill-appellat bil-kbir. Terga, bhalma Alfred Baldacchino nduna mal-ewwel li d-dokument kien falz, hekk ukoll messu ghamel l-appellat, aktar u aktar meta kien fil-pussess tad-dokument ghal zmien daqshekk twil. L-appellat ma jistax jistrieh fuq ir-relazzjoni "ex parte" ta' Dr. Profs. Paolo Brondi (fol. 154).

Din ir-relazzjoni baqghet fl-atti l-ghalhiex it-talba ghall-isfilz qatt ma gie dekretat. Izda, jibqa l-fatt li la l-awtur u lanqas ir-relazzjoni ma setghu jigu kontrollati u messi ghal skrutinju ta' kontro ezami u ezamijiet teknici u ghalhekk ir-relazzjoni ma tghaddix it-test rigoruz ta' prova fil-kamp kriminali u ma tistax tigi meqjusa fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti u wisq anqas ta' konfort ghall-appellat.

Mnehhi dan l-ostakolu, jibqa l-agir ferm suspettuz tal-appellat tul il-perkors kollu ta' din is-saga, agir li ma kienx jixraq ufficjal gholi tal-Ordni u li jwassal ghal uniku konkluzjoni possibbli li l-appellat kien jaf sew x'kellu f'idejh izda ma dan kollu, ghamel uzu estentiv tad-dokument hi hsara ghal haddiehor u utli ghalih.

Ghal dawn il-motivi :
Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata, wara li waslet ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha, w wara li rat l-artikoli 187 (1)(2), artikolu 108(1), l-artikolu 188 u l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fil-bidu ta' dan il-gudikat, b'dana illi t-tieni w ir-raba' akkuza huma inkorporati u involuti fl-ewwel, u wara li qieset is-serjeta' tal-agir tal-appellat illi pogga f'riskju s-

serjeta’ w l-istabbilita’ ta’ ordni kavallereska w cioe’ l-Ordine Bizzantino Di Santo Sepolcro, tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn, b’dana, illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------